OMBUDSMAN

MALTA

**Każ Nru CEP-22-2958**

10 ta' Ġunju 2024

Onor. Prim Ministru Dr Robert Abela
Uffiċċju tal-Prim Ministru
Berġa ta' Kastilja
Belt Valletta

Onor. Prim Ministru

Skont l-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman qegħda tintbagħat kopja tal-korrispondenza u l-Opinjoni Finali fejn kien irrakkomandat tibdil fil-liġi sabiex terzi jitħallew jappellaw minn permess taħt proċess ta' regolarizzazzjoni taħt l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap 552 tal-Liġijiet ta' Malta).

Ma jirriżultax li hemm oġġezzjoni la mill-Ministeru għall-Ippjanar u lanqas mill-Awtorità tal-Ippjanar kontra dan it-tibdil. Barra minn hekk, tali anomalija kienet inġiebet ukoll a konjizzjoni tal-Ministeru għall-Ippjanar mill-Onorabbli Qorti tal-Appell kif issemma fl-istess Opinjoni Finali.

Għalkemm matul il-laqgħat li saru matul l-investigazzjoni tqajjem il-punt li din il-materja taqa taħt l-Uffiċċju tal-Prim

Office of the Ombudsman | 11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
Phone: +356 2248 3210 | Fax: +356 2124 7924 | Email: office@ombudsman.org.mt www.ombudsman.org.mt

OMBUDSMAN

MALTA

Ministru ladarba tittratta l-funzjoni ta' Tribunal, qegħda tkun attirata l-attenzjoni li tibdil ieħor fl-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar kien, fil-passat, tressaq mill-Ministeru għall-Ippjanar quddiem il-Parlament, fosthom permezz ta' mozzjoni numru 497 tal-10 ta' Marzu 2021.

Insellmulek

Imħallef Emeritus Joseph Zammit McKeon
Ombudsman

Perit Alan Saliba
Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar

Dokumenti Annessi

Ikkuppjati:
1. Segretarju Permanenti Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar
2. Kap Eżekuttiv Awtorità tal-Ippjanar

Office of the Ombudsman | 11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
Phone: +356 2248 3210 | Fax: +356 2124 7924 | Email: office@ombudsman.org.mt www.ombudsman.org.mt